

Domanda preliminari

Id-distanza totali tat-titjira li għandha tintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tad-dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ⁽¹⁾ tapplika wkoll meta mal-wasla tal-passiġġier fid-destinazzjoni finali jkun hemm dewmien ta' tliet sigħat jew iktar bħala riżultat biss ta' dewmien/kanċellazzjoni tat-titjira ta' konnessjoni, iżda t-titjira feeder kienet fil-ħin, fejn iż-żewġ titjiriet kienu operati minn operaturi tal-ajru differenti u l-konferma tar-riżervazzjoni nħarġet minn operatur tat-tours li organizza flimkien it-titjiriet għall-klijent tiegħu.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Baden-Württemberg (il-Ġermanja) fl-4 ta' Settembru 2018 – TDK-Lambda Germany GmbH vs Hauptzollamt Lörrach

(Kawża C-559/18)

(2018/C 436/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Baden-Württemberg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TDK-Lambda Germany GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Lörrach

Domanda preliminari

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, kif emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1218/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽²⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li konvertituri statiċi bħal dawk inkwistjoni f'dan il-każ ma għandhomx jiġu kklassifikati fis-subintestatura 8504 4030 ħliet meta jintużaw prinċipalment ma' apparati ta' telekomunikazzjoni jew magni awtomatiċi ta' pproċessar ta' data u l-unitajiet tagħhom jew huwa biżżejjed sabiex tiġi ssodisfatta l-karatteristika "tat-tip użat" li l-konvertituri statiċi jkunu jstgħu, fid-dawl tal-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, jintużaw, minbarra f'oqsma oħra ta' użu, ukoll ma' apparati ta' telekomunikazzjoni jew magni awtomatiċi ta' pproċessar ta' data u l-unitajiet tagħhom?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.

⁽²⁾ ĠU 2012, L 351, p. 36.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-7 ta' Settembru 2018 – LH vs Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal

(Kawża C-564/18)

(2018/C 436/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság